MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tat-3 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 312/2009

**Qorti Civili**

**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D.**

**Illum 3 ta' April 2014**

Rikors Guramentat Nru. 312 / 09RGM

Kawza fil-lista: 36

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

“Illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Dicembru 1995 u minn dan iz-zwieg twieled tifel Kyle B li ghadu minuri.

Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell per Prim Imhallef Degaetano, deciza fis-27 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet premessi (Cit Nru 364/02 RCP).

Illi l-istess sentenza ordnat lill-attur ir-rikorrenti jhallas lill-intimata martu mitt lira Maltija (LM100) kull erba gimghat bhala manteniment ghall-mara u kwantu ghal mitt lira Maltija (LM100) kull erba gimghat ghall-minuri, pagabbli b'effett mid-data ta' din is-sentenza u liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-attur mill-employer tieghu u jintbaghat mill-istesss employer tal-attur lill-konvenuta fir-residenza.

Illi ghalhekk huwa jghaddi manteniment kull erba gimghat lill-intimata s-somma ta' erbgha mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (Ewro 465.87c).

Illi tali decizjoni tghid ukoll a fol. 16 li l-Qorti tal-Appell waslet ghal dan 1-ammont in vista tal-introjtu tal-attur ir-rikorrenti li dak iz-zmien kellu LM388 basic pay u LM120 overtime fix-xahar b'kollox LM508 fix-xahar.

Illi mid-data tas-sentenza hawn fuq imsemmija sallum is-sitwazzjoni finanzjarja tal-attur ir-rikorrenti iddegradat fis-sens x-xoghol ftit li xejn sar hemm overtime, u kif ukoll huwa jrid

imantni wkoll tifel li sussegwentement kellu minn relazzjoni li ghandu ma' certu Natasha Baldacchino, liema tifel minuri jismu Xavier B u twieled fl-4 ta' Dicembru 2008 u ghalhekk il-qaghada finanzjarja tieghu tbidlet wara d-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell hawn fuq imsemmija b'tali mod li huwa jinsab fl-impossibilita li jonora l-obbligu tal-hlas ta' manteniment lil martu l-intimata.

Illi huwa jahdem bhala porter l-isptar u meta inghatat s-sentenza tas-separazzjoni tieghu l-overtime kien ikun ta' spiss kif hadet in konsiderazzjoni dik il-Qorti izda llum sar kwazi xejn.

Illi inoltre huwa jhallas ukoll nofs il-house loan u cioe Ewro 223 fix-xahar u wara li jitnaqqas il-manteniment lil martu intimata u lil ibnu, l-house loan, jibqghalu biss f'idejh circa 360ewro li minnhom irid imantni lil ibnu tarbija l-iehor Xavier B.

Illi inoltre l-konvenuta hija kapaci tahdem, ghadha zghira u s-sitwazzjoni taghha hija tali li minbarra s-somma ta' Ewro465.87c kull erba gimghat hija tircevi wkoll ic-children's allowance u anke baqghet tiehu l-ghajnuna socjali u ghalhekk ghandha mezzi biex tghajjex lilha innifisha u hija kapaci tmanti lilha nnifisha;

Illi ghalhekk fil-fehma umli tar-rikorrenti attur jezistu ragunijiet sufficjenti fil-ligi sabiex jigi varjat il-quantum tal-manteniment pattwit ghall-konvenuta ;

Illi waqt ghalkemm interpellata l-konvenuta baqghet inadempjenti u lanqas ghal medjazzjoni qatt ma attendiet ghajr li baghtet fl-ahhar sessjoni lill-avukat taghha biex tghid lil medjatur jaghlaq il-medjazzjoni;

Illi din it-talba qed issir ai termini tal-artikolu 21 tal-Kodici Civili u qed issir limitatament ghal hlas ta' manteniment lill-intimata personalment u mhux ghal hlas ta' manteniment li r-rikorrenti jghaddi lill-intimata bhala manteniment ghal ibnu minuri Kyle;

Illi permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-14 ta' Settembru 2009 l-attur ir-rikorrenti gie awtorizzat jipprocedu bir-rikors guramentat skond il-ligi.

Ghaldaqstant , tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-qaghda finanzjarja tal-attur ir-rikorrenti tbidlet wara d-data tas-sentenza tal-kawza ta' separazzjoni u cioe wara s-27 ta' Jannar 2006 b'mod li huwa jinsab fl-impossibilita li jhallas il-manteniment lil martu l-intimata jew bicca minnu;

2. Tordna li r-rikorrenti ghandu jigi mehlus mill-obligu tieghu li jmantni lil martu l-intimata u ghalhekk tordna c-cessjoni [recte: cessazzjoni] tal-attur rikorrenti li jissoministra lill-konvenuta intimata r-retta alimentari li huwa tenut li jissoministra ghaliha personalment skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Jannar 2006 hawn fuq hawn fuq imsemmija;

3. Fin-nuqqas tordna l-varjazzjoni tal-istess manteniment ghal intimata u tistabilixxi retta alimentari gdida ghal manteniment iktar baxxa mill-ammont ta' manteniment li qeghda tipprecepixxi l-istess konvenuta intimata minghand r-rikorrenti attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta intimata li minn issa hija ingunta in subizzjoni."

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti pprezentati mill-attur.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li permezz taghha resqet is-segwenti eccezzjonijiet:-

1. "Illi preliminarjament, qed jigi eccepiet in-nullita' tal-azzjoni kif postulata, stante illi l-konvenuta intimata tippercepixxi manteniment minghand l-attur rikorrenti ghaliha u ghall-minuri Kyle B, oltre illi l-esponenti giet fdata bil-kura u 1-kustodja tal-imsemmi minuri; illi ghalhekk l-esponenti qed teccepixxi n-nuqqas ta' integrita' ta' gudizzju tal-azzjoni kif proposta.

2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur rikorrenti, stante illi hum a infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. lili jigi eccepiet illi kwalunkwe tibdil li seta' irrizulta fic-cirkostanzi - finanzjarji jew mod iehor - tal-konvenut intimat, huma konsegwenza tad-decizjonijiet u azzjonijiet tal-konvenut

intimat; illi l-esponenti m'ghandhiex tbati l-konsegwenzi ta' tali azzjonijiet u decizjonijiet, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti. Iili dawn id-decizjonijiet u azzjonijiet kollha ttiehdu u sehhew wara li nghatat is-sentenza ta' separazzjoni personali mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, u ghalhekk il-konvenut intimat kien ben konsapevoli tal-obbligi mposti fuqu in forza ta' din is-sentenza, u minkejja f'dan tghabba b'pizijiet li ma jiflahx ghalihom; illi l-esponenti m'ghandhiex tbati ghal dan.

3. Illi l-esponenti teccepixxi wkoll illi hi m'hix f'qaghda illi ssib impieg u tahdem, u dan minhabba ragunijiet medici, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi oltre dan, l-esponenti m'hix intitolata ghal ebda beneficcji socjali, ghajr ghac-childrens' allowance, u dan ukoll kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi jsegwi ghalhekk illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti, u dan bl-ispejjez kontra l-attur rikorrenti."

Rat il-lista tax-xhieda pprezentata mill-konvenuta.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet[1]

Rat ir-rapport tal-espert mediku Dr Antoine Zrinzo prezentat fil-21 ta' Novembru 2011 dwar il-kondizzjoni medika tal-konvenut.[2]

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

[1] Fol. 613 u fol. 633
[2] Fol. 539

**L-Azzjoni**.

B'sentenza fl-ismijiet *A B vs C B* moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Ottubru 2004, konfermata fl-Appell fis-27 ta' Jannar 2006, l-attur kien gie kkundannat ihallas lill-konvenuta s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) kull erba' gimghat bhala manteniment ghaliha personali u mitt lira Maltin (Lm100) ohra kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-minuri binhom li jirrisjedi mal-omm.

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jikkontendi li l-qaghda finanzjarja tieghu minn wara s-sentenza tbiddlet "b'mod li huwa jinsab fl-impossibilta' li jhallas il-manteniment lil martu l-intimata jew bicca minnu." Ghalhekk qed jitlob li l-ordni sabiex ihallas il-manteniment lill-konvenuta in forza tal-imsemmija sentenza tigi revokata in toto jew in parte.

Il-konvenuta qed topponi t-talbiet attrici. Fl-ewwel lok resqet eccezzjoni preliminari fejn eccepiet in-nullita' tal-azzjoni kif postulata fuq il-pretest li tissussisti nuqqas ta' integrita' ta' gudizzju in kwantu ma giex imharrek fil-kawza iben il-partijiet li ghadu minuri u li permezz tas-sentenza precitata l-attur gie kkundannat ihallas lill-konvenuta manteniment ghalih. Fil-mertu qed tikkontesta t-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt. Issostni illi kwalunkwe tibdil li seta' jirrizulta fic-cirkostanzi tal-attur, finanzjarji jew mod iehor, huma konsegwenza tad-decizzjonijiet u azzjonijiet tal-attur rikorrent. Il-konvenuta tikkontendi li m'ghandiex tbaghti l-konsegwenzi tal-azzjonijiet u decizzjonijiet li ha l-attu. Issostni l-konvenuta illi id-decizzjonijiet u l-azzjonijiet li ha l-attur wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell hadhom meta "kien ben konsapevoli tal-obbligi imposti fuqu in forza ta' din is-sentenza u minkejja f'dan tghabba b'pizijiet li ma jiflahx ghalihom". Il-konvenuta qeghda wkoll topponi ghat-talbiet attrici ghaliex issostni li mhix f'qaghda li ssib impieg u tahdem u dan minhabba ragunijiet medici. Spjegat li apparti l-manteniment minghand l-attur ghaliha u ghal binha tircevi biss ic-children's allowance bhala beneficcji socjali u xejn aktar.

Ikkonsidrat;

Qabel ma titratta l-mertu il-Qorti ser qabel xejn tiddelibera dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta li hi ta' natura preliminari u li jekk tigi akkolta l-procediment jieqaf bl-akkoljiment taghha.

**L-Ewwel Eccezzjoni: In-nullita' tal-azzjoni attrici**.

Fl-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta teccepixxi n-nullita' tal-azzjoni attrici ghaliex tikkontendi li l-gudizzju mhux integru stante li l-minuri ma hux parti f'din il-kawza.

Huwa minnu li s-sentenza li l-effetti taghha qed jintalab li jigu varjati tirreferi ghall-manteniment li l-attur gie kkundannat ihallas lill-konvenuta ghall-minuri, iben il-partijiet, izda fil-verita' l-minuri ma kienx parti fil-kawza precedenti. Ghaldaqstant il-htiega li jkun parti fil-kawza odjerna ma tezistiex.

Raguni ohra ghaliex l-eccezzjoni in dizamina ma hiex fondata temani mill-fatt illi fir-rikors guramentat l-attur iddikjara li t-talba attrici bl-ebda mod ma kienet indirizzata fir-rigward tal-manteniment pagabbli ghall-minuri.

Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi respinta.

**Allegata impossibilta' da parti tal-attur li jonora l-ordni ghall-hlas tal-manteniment.**

L-attur jallega li minhabba bdil fic-cirkostanzi huwa jinstab fl-impossibilta' li jonora l-obbligu impost fuqu permezz tas-sentenza fuq indikata li jhallas il-manteniment lill-martu.

In tema legali ghandu jinghad, illi kif tajjeb osserva l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, il-gurisprudenza nostrana tiddistingwi bejn separazzjonijiet *ope iudicii* u dawk konsenswali. Kif gie dikjarat fis-sentenza citata mill-attur, fl-ismijiet **Jean Pierr sive Jean Borg vs Nicole Borg** (Appell – 30/11/2012): "…revizzjoni ta' manteniment kuntrattwali tista' ssir meta jissussistu certu cirkostanzi li gew kwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attur li gabuh fl-impossibilta' li jhallas ir-retta alimentarja."

**Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Jannar 2006**.

Fis-sentenza "A B vs C B" moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006[3] li permezz taghha giet konfermata tista' tghid fl-intier taghha sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) moghtija fit-28 ta' Ottubru 2004, gie stabbilit li dak iz-zmien id-dhul tal-attur kien jammonta ghal madwar Lm508.0 fix-xahar, rapprezentanti in kwantu ghal Lm388.00 fix-xahar paga bazika u in kwantu ghal Lm120.00 fix-xahar *overtime*. Jidher li dak iz-zmien l-*overtime* li kien jahdem l-attur kien wiehed regolari u kostanti tant li hekk gie kkonsidrat mill-Qorti. Dwar il-kundanna tal-attur li jhallas manteniment jinghad hekk fis-sentenza tal-Ewwel Qorti:-

*"Illi fil-kontro-talba taghha, fit-tielet talba, C B talbet li tigi ffissata r-retta alimentarja ghaliha u ghat-tifel ukoll.*

*Illi l-attur fl-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba sostna li huwa ma jopponix ghal din it-taiba purche illi din tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal- kaz li ghandhom jinkludu l-introjtu ta' l-attur u l-kapacita' tal-konvenuta li tahdem.*

*Illi fis-seduta ta' 1-24 ta' Marzu 2004, il-konvenuta talbet bhala manteniment, mitejn lira Maltija (Lm200) ghaliha u ghat-tifel (liema manteniment bhalissa huwa ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160) skond id-digrieti attwalment vigenti u applikabbli pendente lite.*

*Illi pero' fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur sostna li huwa ma jhossx li ghandu jigi kkundannat ihallas retta alimentari ghall-konvenuta u dan minhabba diversi ragunijiet - kemm ghax hija hatja tal-firda taghhom, kemm ghax l-agir taghha huwa bazi soda ghall-annullament taz-zwieg taghhom, kemm ghax tali kundanna tkun ta' piz tremend u xxekklu milli jirrealizza x-xewqa tieghu li jkollu hajja familjari normali u huwa ma jiflahx ghall-piz finanzjarju ta' zewg farniljt, kif ukoll ghax il-konvenuta ghad ghandha tnejn u tletin (32) sena biss u hija ghandha l-kapacita' li tahdem.*

*Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li ssottometta l-attur fin-nota tieghu. Fl-ewwel lok ma rrizultax mill-pravi li l-konvenuta kienet hatja ghall-firda, izda kien l-istess attur li unikament u esklussivament ikkawza l-istess.*

*Illi dwar ix-xewqa tieghu li huwa jistabbilixxi familja ohra, din owjament hija affari ta' l-attur, izda b'daqshekk ma jfissirx li huwa jista' jahrab mill-obbligazzjonijiet tieghu ta' manteniment verso l-konvenuta u ibnu. Dak li jaghmel huwa, ovvjament decizjoni tieghu, li ghaliha huwa certament ghandu jassumi r-responsabbilita' pero dan ma jwassal qatt lill-istess attur sabiex jahrab mir-responsabbilitajiet u l-obbligi tieghu naxxenti minn din ir-*

[3] Fol. 5

*relazzjoni tieghu ta' ragel mizzewweg.*

*Illi dwar dak li l-istess attur qal dwar il-konvenuta, u dan wara li ghamel kawza kollha jallega li l-konvenuta marida mentalment, din il-Qorti fic-cirkostanzi attwali jirrizulta li l-konvenuta qed tahdem billi tiehu hsieb xorta tad-dar u wkoll trabbi lil binha, u dan baqghet qed taghmlu minkejja kull allegazzjoni ta' difett li hija giet akkuzata bih, u dan meta l-istess minuri certament li ghandu bzonn il-prezenza taghha u ghalhekk trid tiehu hsiebu.*

*Illi ghalhekk din il-Qorti in vista ta' l-introjtu ta' l-attur, li huwa qed jghid li ghandu tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltija (Lm388) basic pay u mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120) overtime fix-xahar, b'kollox hames mija u tmien liri Maltin (Lm508) fix-xahar - (fl-affidavit tieghu datat 24 ta' Lulju 2002 qal li ghandu basic pay ta' Lm399.66 fix-xahar) thoss li ghandha tiffissa l-manteniment li l-istess attur ghandhu jhallas lill-konvenuta ghaliha u ghal binha fl-ammont ta' mitejn lira Maltija (Lm200) kull erba' gimghat, kwantu ghall-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-mara, u kwantu ghal mitt lira Maltija (Lm100) kull erba' gimghat ghall-minuri, pagabbli b'effett mid-data ta' din is-sentenza u liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga ta' l-attur mill-employer tieghu u jintbaghat mill-istess employer ta' l-attur lill-konvenuta fir-residenza u din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din id-decizjoni lill-emplo eta' l-istess attur, sabiex l-istess employer jaderixxi ruhu ma' l-istess."*

Fl-4 ta' Dicembru 2008 l-attur kellu tarbija minn certu Natasha Baldacchino li maghha l-attur gia' kellu relazzjoni meta inghatat is-sentenza fuq imsemmija tant li Baldacchino tissemma fis-sentenza tal-Ewwel Qorti meta giet trattata ir-responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet. Jinghad hekk fis-sentenza[4]:-

*"Illi minkejja is-sitwazzjoni li sabet fiha l-konvenuta hija xorta wahda jidher li kienet lesta li tirranga kemm-il darba l-istess attur kien iqatta' iktar hin maghha, jaqta' mix-xoghol, u jikkonvinciha li ma kellux relazzjonijiet ma' xi mara ohra, izda l-attur baqa' jzomm l-istess ritmu ta' xoghol, mar joqghod matul il-gurnata band' ohra, qal lill-konvenuta li ma kienx ghadu jhobbha, u jirrizulta li almenu minn Frar 2002 certa Natasha Baldacchino, li tahdem mieghu fuq ix-xoghol, kellha relazzjoni mieghu, li jidher li ghadha tezisti wkoll llum. Min fuq l-istess attur qed kontinwament jghid lill-konvenuta li din qed timmagina, u kawza ta' din' is-separazzjoni kienet il-kondizzjoni mentali ta' martu, li certament ma jistax ikun li f'nofs dan l-inkwiet kollu marret ghall-ahjar.*

*Illi fuq kollox u meta din il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-provi u x-xhieda kollha migbura, din il-Qorti thoss li x-xhieda ta' l-attur m'hijiex kredibbli, anzi thoss li kontrarjament ghal*

---

[4] Fol. 10 (a tergo)

*dak li allega huwa kien l-agir irresponsabbli tieghu li wassal ghal din il-kawza ta' separazzjoni, u dan billi mmaltratta lil martu f'diversi modi, mhux l-inqas billi jidher li ma halliex okkazjoni wahda sabiex jingurja u jghajjar lil martu ghaliex issofri minn dipressjoni, u f'dan is-sens huwa hati verso l-konvenuta ta' eccessi u mohqrija, u wkoll bil-mod konsistenti kif tratta lill-martu bhala suggetta ghalih, u kull suspett taghha dwar il-mod kif kien qed jagixxi huwa attwribwih ghal dak li huwa dejjem allega li huwa l-istat mentali taghha, haga li hija krudili minnha nnfisha, u jidher li l-attur ghamel minn kollox sabiex litteralment jnaqqas id-dinjita' tal-konvenuta u jirredikolaha, filwaqt i b'hekk huwa jkun qed jahbi, jew jittanta jahbi l-agir abusiv tieghu."*

- omissis -

*"Illi apparti dan kollu din il-Qorti thoss ukoll li l-attur, minkejja x-xoghol kollu li jghid li kien jahdem xorta wahda kien izomm lill-konvenuta nieqsa mill-flus, kien jezercita u kompla jezercita fuq l-konvenuta, anke fil-mori tal-kawza vjolenza psikologika, mmirata sabiex ibaxxi lill-konvenuta b'kull mod immaginabbli, mhux l-inqas billi jghajjarha bid-difetti allegati taghha, u din tikkostitwixxi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, vjolenza domestika, li sfortunatment kienet qed issir u baqghet qed issir fil-mori tal-kawza quddiem l-istess minuri, u kienu ghalhekk li saru r-rakkomandazzjonijiet minhabba dan, mill-istess espert mediku, fejn anke issuggerixxa li kemm jista' jkun l-partijiet ma jghixux taht l-istess saqaf.*

*Illi apparti dan jirrizulta li l-attur huwa hati verso martu ta' adulterju, u kontrarjament ghal dak allegat mill-attur, dan l-adulterju jidher li sehh anke qabel l-istituzzjoni ta' l-istess proceduri odjerni, u dawn ukoll ghalhekk kienu kawza tas-separazzjoni odjerna.*

*Illi ghalhekk f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet attrici fil-konfront ta' martu l-konvenuta mhux biss ma gewx ippruvati, izda addirittura huma kompletament bla bazi, stante li din il-Qorti wara li ezaminat ix-xhieda kollha prodotta thoss li dak li wassal ghas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet kien proprju l-agir illegalli u abusiv ta' l-attur fil-konfront ta' martu u dan konsistenti fadulterju, sevizzi, theddid, mohqrija u ngurji gravi da parte ta' l-istess l-attur, liema ngurji baqghu jigu pperpetrati fuq il-konvenuta anke permezz ta' l-atti f'din il-kawza, kif din il-Qorti gja kellha okkazzjoni li tindika."*

Jirrizulta ghalhekk illi meta inghatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti, il-konvenut kellu gia' relazzjoni extra-matrimonjali ma' Natasha Baldacchino tant li l-Qorti kienet waslet ghall-konkluzzjoni li wahda mir-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet kienet ir-relazzjoni adultera li l-attur kellu sa minn dak iz-zmien ma' Natasha Baldacchino. Mis-sentenza jirrizulta li l-attur gia' minn dak iz-zmien kien qed jikkontendi li fil-komputazzjoni tal-manteniment minnu dovut il-Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni il-hsieb tieghu li fil-futur

qarib jifforma familja mal-imsemmija Natasha Baldacchino. Izda l-Ewwel Qorti kienet skartat tali ragunament u ghabbietu bir-responsabbilta' ghall-azzjonijiet futuri tieghu.

Tali konkluzzjoni giet kondiviza mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-27 ta' Jannar 2006:-

*Din il-Qorti ghamlet ezami akkurat tal-provi akkwiziti fil-process li tressqu mill-partijiet in kwistjoni dwar ir-responsabbilita' ghat-tkissir taz-zwieg, u kif ukoll qieset sewwa n-noti ta' sottomissjonijiet li l-partijiet skambjaw bejniethom quddiem l-ewwel Qorti fuq din il-kwistjoni u waslet ghall-konkluzjoni li ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appellanti billi jidhrilha li l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilita' ghat-tkissir taz-zwieg hija konkluzjoni korretta u gusta.*

**Allegat tnaqqis fid-dhul tal-attur u nuqqas ta' *overtime.***

Stabbilit li d-dhul regolari tal-attur fiz-zmien li inghatat is-sentenza precedenti kien jammonta ghal medja ta' Lm508.00 fix-xahar, jehtieg jigi ezaminat x'inhu d-dhul li llum ghandu l-attur. (Is-somma ta' Lm508 fix-xahar hi ekwivalenti ghal elf, mija u tlieta u tmenin ewro (€1,183) fix-xahar u cioe' €14,196.00 f'sena).

L-attur jikkontendi li d-dhul tieghu illum ma jinkludiex sahra peress li skond hu is-sahra spiccat. Jghid li llum jaqla elf, mija u hamsin ewro (€1,150) fix-xahar. Dan pero' ma jaqbilx mal-atti. A fol. 77 tal-process hekk certifikat rilaxxjat mill-Isptar Mater Dei fejn jiccertifika li matul is-sena 2009 l-attur kellu dhul annwu gross ta' tnejn u ghoxrien elf, mija u sebgha u erbghin ewro (€22,147). Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2010 xhed Geoffrey Scicluna[5], Manager fl-Isptar Mater Dei. Jikkonferma li fis-sena 2006 l-attur kellu Lm1,875.70 overtime, fis-sena 2007 kellu Lm1,731.49 overtime, fis-sena 2008 kellu €3,875.71 overtime.

Fir-rigward tas-sena 2009 ic-certifikat a fol. 77 juri salarju gross annwu ta' €22,147.58 minghajr indikazzjoni ta' allowances jew overtime. Ix-xhud Geoffrey Scicluna kien ipprometta li jerga' jitla jixhed sabiex jaghti spjegazzjoni jekk l-attur kienx jaghmel over-time u jekk qattx irrifjuta overtime. Mill-atti ma jirrizultax li rega tela' jixhed. Fil-fatt fl-ebda

[5] Fol. 84

wahda min-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet ma hemm referenza ghal xi xhieda ulterjuri moghtija minn Geoffrey Scicluna jew xi rapprezentant iehor mill-Isptar Mater Dei fejn jahdem l-attur.

Izda b'nota li tinsab a fol. 310 tal-process it-Tabib Principali tal-Gvern ipprezenta kopja ta' certifikat rivedut riferibbli ghad-dhul tal-attur matul is-sena 2009. Permezz ta' dan id-dokument gie kkonfermat illi fil-fatt fis-sena 2009 l-attur kellu dhul gross ta' €22,147.58 u mhux €1,150.00 fix-xahar kif qed jikkontendi l-attur. Jirrizulta wkoll illi minn dan id-dokument illi s-somma imsemmija ta' €22,147.58 tirraprezenta in kwantu €13,393.24 salarju; in kwantu ghal €3,498.50 allowances u in kwantu ghal **€3,498.50 overtime**. Isegwi ghalhekk illi l-attur kien fil-fatt ghadu qed jinghata overtime.

F'pagna 2 tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu prezentata fl-24 ta' Settembru 2013 l-attur jissottometti illi "fis-sena 2007 tali ammont l-ewwel kien ta' €20,537.78 izda mbaghad tal-Mater Dei irrealizzaw li ghamlu zball u kkoregu l-istess sabiex llum huwa jaqla' €1,150 netti fix-xahar." Ghalkemm il-Qorti skandaljat il-process biex issib il-provi in sostenn ta' dik is-sottomissjoni, mill-atti ma jirrizulta xejn minn dan. Isegwi ghalhekk illi l-attur ma gab l-ebda prova biex jikkuntrasta c-certifikat rilaxxjat mill-Isptar Mater Dei li jiccertiika li fis-sena 2009 id-dhul globali tal-attur kien €22,147.58, somma ferm superjuri ghad-dhul li kellu l-attur meta inghatat is-sentenza tas-separazzjoni.

Ghalhekk l-allegazzjoni tieghu li d-dhul tieghu minn wara l-ewwel sentenza naqas drastikament m'ghandiex mill-verita'.

**Zieda fl-ispejjez tal-Attur**.

Kawzali ohra tal-attur hi li mis-sena 2006 'il quddiem l-ispejjez tieghu zdiedu ghal diversi ragunijiet.

Jispjega li fil-frattemp huwa fforma familja ohra u ghandu tarbija u ghalhekk l-ispejjez tieghu zdiedu. Spjega wkoll li mas-siehba tieghu huwa xtara proprjeta' fejn joqghodu u ghalhekk

kellhom jidhlu f'*house loan* u jhallas lill-bank is-somma ta' €205.00 fix-xahar. Inotre kienet insterqitlu l-karrozza u kellu jixtri ohra bid-dejn li ghadu jhallsu sallum u jhallas €89.00 fix-xahar.

**Twelid ta' tarbija wara l-kundanna ta' hlas ta' manteniment.**

Dwar it-tarbija li l-attur kellu minn mara ohra wara li inghataw is-sentenzi fuq imsemmija, hija l-fehma tal-Qorti illi tali avveniment wahdu ma jistax jittiehed bhala raguni valida ghaliex persuna obbligata li thallas manteniment in forza ta' sentenza ta' Qorti ghandha tigi ezonerata milli thallas il-manteniment dovut. Huwa mistenni li wiehed jagixxi b'responsabbilta'. Meta l-attur iddecieda li jkollu tarbija minn mara ohra meta gia' kellu l-obbligu fuqu impost mill-Qorti li jhallas is-somma mensili ta' €465.87 lill-konvenuta; ghaliha u ghall-minuri, **kien qed jerfa' responsabbilta' gdida li issa ma jistax jitfaghha fuq il-konvenuta.** It-twelid ta' tarbija minn mara ohra ma hux ekwivalenti ghal disgrazzja li l-attur ma kellux kontroll fuqha. **Kieku kellha tigi accettata s-sottomissjoni tal-attur f'dan ir-rigward ikun ifissser illi kull min jigi kkundannat li jhallas manteniment lill-martu ikun jista' jinnewtralizza u jgib fix-xejn l-ordni tal-Qorti ghall-hlas tal-manteniment billi jkollu trabi minn nisa ohra.**

Gie affermat mill-Qrati nostrani illi l-bdil fic-cirkostanzi li ghandhom jigi kkonsidrati huma dawk li jirrigwardaw <u>in-nukliju familjari ezistenti meta sehhet is-separazzjoni</u> personali "u tal-ebda relazzjoni extra-maritali li l-attur joghgbu, kif jidher provat, li jistabbilixxi, ghandu wkoll ikun car illi l-frazi "l-impjieg jintemm" kienet tirreferi ghal cirkustanzi li jkunu indipendenti mill-volonta'…." (**Saviour Zahra vs Maria Antoinette Zahra et** - Appell – 13 ta' Lulju 2001).

Dwar il-*house loan* li l-attur dahal ghaliha flimkien mal-partner tieghu, il-Qorti taghmel referenza ghal dak espost *supra* fir-rigward tat-twelid ta' tarbija minn mara ohra u ma tqisx li tali avveniment huwa raguni valida sabiex l-ordni tal-Qorti, konfermata fl-Appell, tigi newtralizzata.

Dwar id-dejn biex xtara karrozza wara li allegatament insterqitlu l-vettura li kellu, din il-Qorti taghmel referenza ghal digriet moghti fis-26 ta' Jannar 2012 minn din il-Qorti diversament preseduta, fejn kien gie michud rikors tal-attur tal-21 ta' Novembru 2011 fejn kien proprju talab li jressaq provi dwar serq ta' vettura proprjeta' tieghu li allegatament sehhet fil-mori

ta' din il-kawza. Tali digriet jiprekludi lil din il-Qorti kif issa preseduta milli tikkonsidra l-pretensjoni tal-attur f'dan ir-rigward.

**Il-Kapacita' Lavorativa tal-Konvenuta**.

Pretensjoni ohra tal-attur hi li m'ghandux ihallas il-manteniment lill-martu ordnat mill-Qorti ghaliex jallega li hi kapaci tahdem u li kapriccozament ma tahdimx. F'dan ir-rigward il-Qorti kienet innominat, fuq talba tal-istess attur, lil Dr Anthony Zrinzo bhala espert mediku. Fir-rapport peritali tieghu Dr Zrinzo jghid hekk:-

*"The clinical impression is that of a diffuse, fibromyalgia with accompanying biocciptial tension headaches, as well as lumbago. Furthermore, Ms B suffers from chronic anxiety and depression. Unfortunately the various conditions serve to aliment further each other and as has happened over the years, in spite of the fact that Ms B has seen various specialists (as summarised above) for her various conditions, there has never been any significant ameliorations of her condition and her list of medication has been getting longer.*

*Conclusion.*

*Under the present clinical context, it is deemed that Ms B is not fit for gainful employment."*[6] *(sottolinear tal-Qorti).*

Fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2012 Dr Zrinzo tressaq in eskussjoni mill-attur u xhed illi ghalkemm min ibati mill-fibromalgia mhux necessarjament li mhux kapaci jahdem, wiehed irid jikkonsidra li min ibati b'din il-kondizzjoni ma hux f'posizzjoni li jezercita ruhu hafna u ghalhekk ix-xoghol disponibbli jkun jiddependi mil-livell ta' edukazzjoni ta' dak li jkun. Fil-kaz in dizamina Dr Zrinzo qal li s-sitwazzjoni medika tal-konventua hija aggravata mill-fatt illi

[6] Fol. 544

tbati wkoll mid-dipressjoni. Jghid hekk: *"Il-konvenuta ghandha wkoll dipressjoni. Il-fibromalgia biss hija bizzejjed biex kont nasal ghall-istess konkluzzjonijiet."*

Irrizulta ghalhekk b'mod sodisfacenti li l-konvenuta m'hiex kapaci tahdem barra d-dar.

Il-kawzali tal-attur f'dan ir-rigward jirrizulta li ma hiex fondata.

**Allegat Adulterju tal-Konvenuta**.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur jikkontendi illi l-Qorti ghandha tikkonsidra wkoll l-allegazzjoni tieghu li l-konvenuta ikkommettiet adulterju u li per konsegwenza iddekadiet mid-dritt taghha li tippercepixxi manteniment minghand l-attur.

Pero', kif tajjeb osservat il-konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, l-adulterju ma hux wiehed mill-kawzali li fuqhom l-attur sejjes il-kawza minnu istitwita. Tant hu hekk illi jirrizulta li din il-pretensjoni l-attur ressaqha 'l quddiem wara li l-konvenuta xhedet f'din il-kawza li xi sitt snin qabel kellha relazzjoni intima ghal ftit jiem ma' terza persuna.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

In tema legali ghandu jinghad illi una volta gie stabbilit gudizzjarment bis-sentenza tal-2006 illi ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien jahti unikament l-attur, l-indagini li wiehed kellu jaghmel fil-kawza odjerna hi s-segwenti: (1) jekk wara l-ghoti tas-sentenza de quo kienx baqa' l-obbligu fuq il-partijiet tal-fedelta'; (2) jekk gietx sodisfacentement ippruvata l-allegazzjoni tal-attur li mill-ghoti tas-sentenza fis-sena 2006 sallum il-konvenuta kellha relazzjonijiet intimi ma' terza persuna u b'hekk ikkommettiet adulterju; u f'kaz affermattiv (3) jekk minhabba tali cirkostanza tilfitx id-dritt lilha moghti permezz tas-sentenza precitata li tircevi manteniment minghand zewgha.

Fis-sentenza tal-Ewwel Qorti moghtija fit-28 ta' Ottubru 2004, il-Qorti kienet gia cahdet l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta ikkommettiet adulterju. Isegwi ghalhekk illi kieku kien

ammess li l-Qorti fil-kawza odjerna tinvesti tali allegazzjoni, iz-zmien rilevanti kellu jkun mis-sena 2004 'il quddiem.

Pero' l-Qorti hija prekluza milli titratta din l-allegazzjoni tal-attur in kwantu din il-Qorti diversament preseduta kienet b'digriet tat-3 ta' Jannar 2011[7] cahdet ir-rikors tal-attur tat-12 ta' Ottubru 2010 li permezz tieghu kien talab li mat-talbiet attrici tizdiet talba attrici ohra fis-sens illi: "Tiddikjara u tiddeciedi li l-mara iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha ir-rikorrenti" u dan minhabba adulterju li gie ammess minnha waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2010 fejn il-konvenuta irreferiet ghal relazzjoni intima li kellha ghal ftit jiem madwar sitt snin qabel kienet qed tixhed. Ghaldaqstant l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta ikkommettiet adulterju ma tifformax parti mill-mertu tal-kawza odjerna.

Ghaldaqstant is-sottomissjonijet kollha li ghamel l-attur fir-rigward tal-pretensjoni tieghu li l-konvenuta iddekadiet mid-dritt li tippercepixxi manteniment minhabba adulterju ma humiex rilevanti ghall-kawza odjerna.

**Kondizzjoni Medika tal-Attur**.

Fil-mori tal-kawza l-attur skopra li qed ibati minn *prostate cancer* li l-kura ghaliha qed tinvolvih hafna spejjez u ghalhekk qed jitlob li din ic-cirkostanza tittiehed in konsiderazzjoni fir-rigward ta' zieda fl-ispejjez tieghu li jnaqqsu d-disponibilita' ta' fondi biex ihallas lill-konvenuta il-manteniment taghha.

Certifikat rilaxxjat mid-Dipartiment tal-Onkologia tal-Isptar Boffa [8] jiccertifika li l-attur qed ibati minn kancer fil-prostata u li kien qed jiehu it-trattament permezz tar-raggi. Certifikat iehor din id-darba rilaxxjat minn Dr Nick Refalo (Consultant Clinical Oncologist) jiccertifika li kienet saret id-dijanjozi li l-attur qed ibati minn kancer fil-prostata. Jiccertifika li "His tumour is aggressive" u li qed jiehu tlett kwalitajiet ta' pilloli.

[7] Fol. 285
[8] Fol. 563

Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013 xhed Dr Nicholas Refalo fejn ta spjegazzjoni dettaljata tal-kondizzjoni medika tal-attur kif sviluppat u xi trattamenti qed jircevi l-attur. Jghid hekk:

*"Jien onkologista cjoe tabib tal-kancer. Ilni naf lill-attur madwar sena, gie ghandi peress li fl-2010 sabulu kancer tal-prostata u dak iz-zmien ma deherx li kien mifsux u ghalhekk ha kors ta' raggi li lestihom f' Awwissu 2010. Dak iz-zmien bdejnielu trattament tal-hormones.*

*Fl-2011 kien hemm inkwiet peress li PSA beda tiela' u cjoe test tad-demm li beda tiela' u saru certu testijiet fl-2011 bone scan f' April 2012 li wriet fic-car li kien hemm kien hemm teba' f'wahda mill-ghadma tas-sider. Bhala kura kien qed jiehu Zoladex u Zometa u dan biex inixxef it-testosterone.*

*Dan ilu sena li nafu fic-car li huwa mifrux pero dan ikun ilu hemm u ma kienx deher. Ahna nuzaw PSA bhala test tad-demm biex niccekjaw il-kancer, jekk jinzel iffisser li l-kura qed tahdem u vice-versa jekk jghola ffisser li l-kancer mixi.*

*Meta tkun fuq l-injections taz-Zoladex l-PSA kwazi dejjem jinzel pero meta jerga' jibda jitla' nghidulu CRPC li jfisser li l-kancer tal-prostata mhux qed jirrispondi ghal nuqqas ta' testosterone. L-importanza hija ghal prinjozi. Kull pazjent huwa differenti, b'tumur individwali u difficli tghid x'ser jigri u meta. L-attur ghandu marda li mhux ser jfieq minna u ghalhekk irid jiehu medicina biex tibqa' taht kontroll. Difficli nghati stima ta' tul ta' hajj a peress li ghadu b'sahhtu u ghadu zghir.*

*Il-medicina li jiehu l-attur bhalissa jehodhom kollha mill-isptar pero jista' jkun li 'l quddiem se jkollu bzonn medicina li ma jkunx pprovduta mill-isptar. Jien irrakommandajt kambjament fid-dieta li mhiex facli, sabiex innaqqas hafna mill-laham, halib. lx-xoghol ta' l-attur bhalissa jiflah ghalih pero biz-zmien jista' jkun li ma jkunx jiflah ghalih, probabbli mhux aktar minn sena. Bhalissa t-trattament huwa semplici pero aktar 'l quddiem bil-kimoterapija jista' jkun li ma jistax jiflah ghax-xoghol. Ma tistax nghid meta bl-ezatt jista' ikun xhur pero mhux aktar minn sena ohra. Jiena nafx-xoghol ta' A jahdem ta' ..... l-isptar, aktar 'l quddiem bil-kimoterapija se jkun difficli li jkompli dan ix-xoghol. Sahhtu jista' tigi affettwata b'diversi modi bhal tqandil u anke mentalment bhal xoghol ta'skrivanija.*

*Kontro-ezami.*

*Ma nafx b'certezza li se jibda kimoterapija ghax jista' jkun hemm affarijiet imprevedibbli pero minghajr improvist din il-marda se tkun fatali u z-zmien difficli tghid. Fil-kaz tieghu forsi sentejn. Eventwalment se jiddeterjora u ma nistax nghid meta."*

Gie ppruvat illi l-medicina li ghandu bzonn l-attur tirrikjedi spiza ezorbitanti, erbat elef u erba' mitt ewro (€4,400) fix-xahar, tant li l-attur kellu jirrikorri ghand il-Community Chest Fund ghall-ghajnuna, liema ghajnuna inghatat b'ittra tad-29 ta' Mejju 2013.[9]

L-attur spjega illi apparti l-ghajnuna li qed jircevi mill-Community Chest Fund il-marda li tfaccat qed tinvolvih fi spejjez ghall-medicini ammontanti ghal circa mitejn ewro (€200) fix-xahar.

**Res Superveniens.**

Konsidrat il-gravita' tal-marda li hakmet lill-attur fil-mori ta' din il-kawza, il-Qorti ser tikkonsidra tapplikax il-principju tar-*res supervenjens.*

In tema legali jinghad illi l-Qrati nostrani applikaw dan il-principju fil-kazijiet meta dritt pretiz li ma jkunx issussista fil-mument li tkun giet istitwita l-kawza izda li, minhabba avveniment li jissuccedi fil-mori, jinholoq dritt fl-attur intrinsikament konness mal-kawza li tkun ghadha qed tigi trattata u li ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni attrici. Gie kostantement ritenut illi f'tali cirkostanza l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li titratta anke dak id-dritt supervenut waqt li tkun miexja l-kawza u b'hekk jigu evitati multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez. (Ara. **Falzon vs B** – Appell - 08/02/1943).

Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni l-Qorti qed tiddeciedi li titratta din il-pretensjoni gdida tal-attur li tincidi direttament fuq il-mertu tal-kawza odjerna. Fl-istess hin il-Qorti trid issib il-bilanc bejn id-drittiijiet tal-attur kif ukoll dawk tal-konvenuta. Tenut kont tal-piz finanzjarju li l-kondizzjoni medika tal-attur qed iggib maghha, il-Qorti tqis li jkun ekwu li l-manteniment dovut lill-attrici jigi temporanjament ridott ghal mija u tletin ewro (€130) kull erba' gimghat, liema manteniment jerga jirriverti ghal mitejn u tletin ewro (€230) kull erba' gimghat una volta ma jkunx hemm aktar manteniment dovut mill-attur ghall-minuri minhabba li jaghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena jew jibda jahdem, liema tigi l-ewwel, sakemm ma jkunx qed jistudja 'full-time'.

[9] Fol. 612

Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, konsidrat li l-ebda wahda mit-talbiet attrici inizjali ma giet akkolta; konsidrat illi ma nstab l-ebda nuqqas da parti tal-konvenut, qed tiddeciedi li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**Decide:-**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-ewwel eccezzjoni, tilqa' parzjalment it-tieni eccezzjoni; tilqa' t-tielet eccezzjoni u tichad ir-raba eccezzjoni;

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici billi tiddikjara illi l-qaghda finanzjarja tal-attur tbidlet wara s-sentenza tal-kawza tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet moghtija fis-27 ta' Jannar 2006 minhabba l-kondizzjoni medika tal-attur kif fuq spjegat.

2. Tichad it-tieni talba.

3. Tilqa' t-tielet talba b'dan illi b'effett millum tordna li l-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha ghandu jigi ridott ghal mija u tletin ewro (€130) kull erba' gimghat li jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja fl-anniversarju ta' din is-sentenza, liema manteniment jerga' jizdied ghal mitejn u tletin ewro (€230) kull erba' gimghat wara li l-obbligu tal-attur li jhallas manteniment ghall-minuri jigi estint, b'dan illi l-manteniment jibqa' jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------